MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 422/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Mario Saliba**

**Illum 16 ta’ Lulju, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. fis-26 ta’ Diċembru, 2000 u fid-dati ta’ qabel, fl-Iklin jew bbnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara 400 kaxxa b’xorb alkoħoliku, meħudin b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

2. taħt l-istess ċirkostanżi b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ ntrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti

mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' aktar minn Lm23,000 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

3. taħt l-istess ċirkostanżi, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qliegħ ieħor b'ingann li jammonta għal aktar minn Lm500;

4. ikkometta dawn ir-reati fil-waqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat ieħor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu kullu d-dmir li jimpedixxi;

fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT –

5. talli fl-istess ċirkostanżi, bil-ħsieb li jiffroda l-Gvern ta' Malta ttanta li jaħrab ud- Dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) dovuti u/jew xi liġi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi għin jew kellu b'xi mod jaqsam filli jiġu mwarba jew irtirati kontra l-liġi l-oġġetti li jidhru fin-Nota ta' Qbid numru 6/2001 hawn mehmuża, minn Ħal-Far Groupage Complex qabel l-eżami tagħhom mill-Uffiċjal inkarigat tad-Dwana mhux bl-awtorita' jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-Uffiċjal, oġġetti mportati f'Malta, b'mod li l-Uffiċjal inkarigat ma jkunx jista' jieħu tagħhom nota kif imiss jew b'mod li ma jkunux ġew imdaħħla fid-depozt kif imiss;

6. taħt l-istess ċirkostanżi xjentement laqa' għandu, ġie fil-pussess, żamm, ħeba u/jew xjentement ħalla jew itollera, jew ġiegħel jew fittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, depozt jew ħabi ta' l-oġġetti in kwistjoni.

Dawn l-oġġetti, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta għandhom valur ta' Lm7,467.70, dazju tas-sisa ta' Lm18,706.80, dazju ta' l-importazzjjoni ta' Lm604.88 u taxxa fuq il-valur miżjud ta' Lm4.016.91, liema dazju tas-sisa, dazju ta' l-importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a)(ċ)(e)(k), 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 63(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta'l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta'

Malta u l-artikoli 16(j)(l) u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAD 978 illi ntuzat bħala mezz ta' ġarr ta' oġġetti illi d-dazju tagħhom ma kienx imħallas, ġiet maqbuda bin-Nota ta' Qbid 7/2001.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Novembru, 2009, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn dawn l-akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex issib lil-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta' l-appellat.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni erronea tal-fatti tal-kaz in dizamina w konsegwentement ghaddiet sabiex tillibera lill-appellat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Illi fil-kaz de quo, l-appellat kien infurmat illi Christopher Cutajar kien se johrog minn Hal Far Groupage Bond mghobbi b'xi pellets. Tant hu hekk li Mario Saliba stess kien informa lill-kollega tieghu John Bonavia b'dan it-trukk li kellu jghaddi b'xi xoghol mill-gates tal-kumpless. Madanakollu, ftit mumenti qabel ma ghadda l-imsemmi trukk, John Bonavia korra fuq il-post tax-xoghol u kellu jhalli l-post tieghu sabiex imur ghall-kura rispettiva. B'hekk l-appellant jissottometti illi l-appellat Mario Saliba kellu l-ixjenza w l-konsapevolezza illi t-trukk kien se jkollu pellets huwa hu hiereg mid-depozt tad-Dwana.

Illi fix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti, hareg illi stante n-natura tax-xoghol li jkun hemm fid-depozt u

stante li gieli jkun hemm mumenti ta’ traffiku qawwi, mhux dejjem huwa prattikabbli illi kull trukk li johrog mid-depozt ikun spezzjonat mill-Ufficjali tad-Dwana. Ghal din ir-raguni, kull meta burdnar ikollu xi tghobija fuq il-vettura tieghu, huwa jipprezenta dokument, maghruf bhala l-“Gate pass out” lill-Gwardjani ma’ l-uxxita w biex b’hekk il-Gwardjan ihalli lill-istess trukk johrog mid-depozt. Fil-kazijiet fejn it-trukk ikun hiereg minghajr tghabija ta’ xejn, ix-xufier jaghmel sinjal appozitu lill-Gwardjan u dan ihallih johrog mill-uxxita. Minkejja dan, il-Gwardjani regolarment jaghmlu spot checks fuq it-trukkijiet qabel ma johorgu.
L-appellant jissottometti illi fil-kaz in dizamina, x-xufier tat-trukk, Christopher Cutajar ghamel sinjal lil Mario Saliba w dan hallih johrog mid-depozt bhallikieku t-trukk ma kellu l-ebda tghabija. Mix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti huwa evidenti illi Mario Saliba kien konoxxenti tal-fatt li t-trukk kellu tghabija w b’hekk ma seta’ qatt ihalli lit-trukk johrog bil-procedura adottata bhallikieku kien trukk vojt.
Illi jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument biss, f’dak il-hin li kien hiereg it-trukk mill-kumpless ma kienx prattikabbli li Mario Saliba jispezzjona dan it-trukk – fatt li ma harigx mill-atti tal-kumpilazzjoni w mix-xiehda moghtija – Saliba kien fid-dmir li ta’ l-inqas jara li Christopher Cutajar kien fil-pussess tad-dokument maghruf bhala “Gate pass put” skond il-procedura adoperata fiz-zmien tal-kaz odjern.

Illi jidher illi l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox il-fatt illi l-appellat Mario Saliba filwaqt li kien konxju tal-fatt li t-trukk kien hiereg b’tghobija ta’ xoghol, ma talabx lil Cutajar id-dokument tal-“Gate pass out” u minflok ghazel li jhalli lit-trukk johrog mill-kumpless bhallikieku dan it-trukk ma kellu tghobija ta’ xejn.

Illi l-appellant ma jistax jara logika fl-ispejagazzjonijiet illi l-appellat ta ghall-azzjonijiet tieghu quddiem l-Ewwel Qorti. Anke jekk stess, ghall-grazzja ta’ l-argument, l-appellat Mario Saliba kien emmen illi dak ix-xoghol li hareg fil-mument li sehhew l-allegati reati kien diga hareg f’xi jiem precedenti bi zball u li kien rega’ gie ritornat fid-depozt tad-dwana biex b’hekk jerga’ johrog fil-mument ta’ l-allegati reati, wiehed kien jistenna li Mario Saliba, bhala Gwardjan tad-Dwana, jiccekkja li x-xoghol li kien hiereg

kien tassew dak li gie ritornat xi jiem qabel u mhux xi xoghol iehor kif effettivament irrizulta mill-investigazzjonijiet.

Illi ghalkemm is-sistema ta’ ccekkjar fil-kumpless tad-Dwana fil-perjodu tal-kaz de quo ma kienitx titqies bhala wahda felici, dan ma jfissirx illi l-abbuzi ghandhom jigu tollerati jew issanati minhabba xi nuqqas fis-sistema adoperata jew min-naha ta’ l-Awtoritajiet. Dan qieghed jinghad ghaliex kemm fis-sentenza erogata mill-Ewwel Qorti, kif ukoll mill-atti tal-kumpilazzjoni nghata hafna importanza dwar il-fatt illi l-Gwardjani kienu gibdu l-attenzjoni kemm-il darba lid-dirigenti tal-kumpless dwar din is-sistema adoperata w in-nuqqasijiet li fiha.

Illi l-integrita’ professjonali tal-Gwardjani u tal-Fizzjali tad-Dwana li kienu jahdemu hemm ma tigix tutelata bil-fatt li jkun hemm aktar ufficjali addetti fl-entrati jew l-uxxiti tal-kumpless. L-integrita’ professjonali ta’ kull persuna tigi tutelata mill-imgieba individwali ta’ l-istess persuna. Jekk xi persuna tittanta tipprova tahrab mill-obbligi u r-responsabbilitajiet li jemanu mix-xoghol taghha, jew mill-obbligi diversi dwar ta’ taxxi dovuti lill-Gvern, tali azzjoni tibqa wahda llegali nonostante d-diffikultajiet li tista’ tippresta s-sistema adoperata w nonostante d-diversi protesti li wiehed jaghmel sabiex itejjeb is-sistema.

Ikkunsidrat :

Inghad mill-bidu nett illi minkejja illi dan il-process hu wiehed voluminuz, il-maggor parti ta’ xhieda w dokumenti li hemm inseriti fl-atti huma ghal kollox irrilevanti u servew biss ta’ hela ta’ hin u sabiex il-kwistjoni vera tigi devjata f’kwistjonijiet ohra li l-Qorti assolutament ma kellhix tinvolvi ruhha fihom.

L-unika kwistjoni li l-Qorti kellha tiddettermina hija jekk l-akkuzat kienx jaf illi l-merkanzija illi kienet hierga dak il-mument fis-26 ta’ Dicembru 2000 kienitx wahda illecita’ jew le.

M’hemmx kwistjoni dwar l-element materjali tar-reat. Gie indubbjament ippruvat illi dak inhar fis-26 ta’ Dicembru tmin pallets b’merkanzija illegali xorb alkoholiku, hargu mill-bonds ta’ Hal-Far minghajr ma gew prezentati d-dokumenti necessarji ghar-rilaxx taghhom.

L-appellat qed jigi akkuzat illi huwa ghen f’din l-operazzjoni meta kien jaf illi l-merkanzija ma kienitx koperta bid-dokumenti necessarji u b’hekk ghen biex jigi defrodat l-erarju.

Irrizulta mill-provi illi fis-26 ta’ Dicembru 2000 il-Pulizija kellha informazzjoni li kien hemm truck qed jinhatt gewwa kumpless ta’ garaxxijiet gewwa l-Iklin. Minn investigazzjoni tal-Pulizija rrizulta illi t-truck kellu tghabbija xorb alkoholiku u rrizulta li din l-istess tghabbija ghaddiet mil-kumpless tad-dwana minghajr ma thallsu t-taxxi dovuti lil Gvern ta’ Malta. Illi l-Pulizija stabbilixxiet illi wara din it-tghabbija kien hemm organizzazzjoni komplessa ta’ nies li ffinanzjaw din l-operazzjoni, impurtaw dan ix-xorb minn barra minn Malta, ghaddewh mill-kumpless tad-dwana minghajr ma jhallsu l-ammonti ta’ taxxi u eventwalment jahznu dan l-imsemmi xorb f’garage l-Iklin. B’hekk kien hemm numru ta’ persuni li kienu investigati u li tresqu l-Qorti rigwardanti l-involviment individwali taghhom fl-imsemmi organizazzjoni.

Gie allegat illi l-appellat Mario Saliba huwa involut f’din l-organizazzjoni. Kien ufficjal tad-dwana fil-kumpless tad-dwana ta’ Hal-Far Groupage Bond.

Gie allegat illi dak inhar fis-26 ta’ Dicembru 2000 l-appellat gie avvicinat minn certu John sive Ganni Grech burdnar maghruf bhala “Tal-Frida” fejn dan qallu li aktar tard dak inhar certu Christopher Cutajar maghruf bhala “Tal-Pejxa” kellu johrog pallet bit-truck tieghu u talbu biex ihallih ghaddej mill-“uscita” minghajr ma jiccekjalu l-kontenut tat-truck tieghu.

Fil-kors ta’ din l-investigazzjoni gie arrestat l-appellat Mario Saliba w fid-29 ta’ Dicembru, 2000 irrilaxxja stqarrija illi qeghda esebita f’dawn l-atti a fol. 20. F’din l-istqarrija l-

appellat jammetti illi huwa avvicinat minn Ganni Grech li jafu bhala burdnar maghruf bhala “Tal-Frida” w li kien qallu li Chris tal-Pejxa kellu johrog pallet fit-truck u talbu biex ihallih ghaddej.

Fil-kors tax-xhieda moghtija mill-istess appellat irrizulta illi dan il-pallet kien diga’ qieghed fid-depost pero’ hareg bi zball u gie infurmat illi kellu jidahhal lura fid-depost u jerga jinhareg minn Cutajar wara li jsiru d-debiti verifiki. Kien ghalhekk illi Ganni Grech qallu biex it-truck ihallih ghaddej.

Jidher illi l-appellat ma tantx kien propens illi jaderixxi ghal din it-talba tant illi ghal darba darbtejn qal lil Ganni Grech biex ma jdahlux fl-inkwiet u ma jaghmillux mutetti. Madankollu meta avvicina Christopher Cutajar bit-truck Cutajar ghamel is-sinjal li hu vojt u l-appellat hallih ghaddej.

Fl-istess stqarrija inghad “mistoqsi nghid illi jiena kont naf li kien mghobbi ghaliex hu kien qalli li kien diga’ ghabba.”

Fix-xiehda tieghu fit-tul quddiem din il-Qorti l-appellat zamm l-istess verzjoni fis-sens illi huwa kien min ghalih illi dak it-truck kellu biss pallet wahda li kienet harget mid-depost bi zball u ngabet lura ghal verifiki u li kellha terga tohrog.

Imkien ma jirrizulta illi l-appellat kien jaf jew b’xi mod iehor messu kien jaf illi fuq dak it-truck kien hemm mghobbija xorb alkoholiku bil-hsieb illi jigu evadi t-taxxa lid-dwana.

M’hemmx dubju illi l-appellat ghandu xi nuqqasijiet u dawn huma principalment fil-fatt illi ma nnsistix illi jivverifika l-merkanzija meta kienet hierga dak il-hin biex jassigura ruhhu illi fil-fatt kienet hierga dik il-pallet wahda w mhux ohrajn.

Sa hawn l-Avukat Generali ghandu ragun, pero’ l-Qorti trid tqies ukoll is-sitwazzjoni tax-xoghol illi kien hemm dak inhar, fejn, l-appellat sab ruhhu wahdu jissorvelja zewg

kancelli tad-dhul u tal-hrug wara illi siehbu korra w kellu jmur jiddewwa l-isptar.

L-appellat ma kienx ilu f’dak il-post xi xhur jew snin. Kienet biss it-tielet gurnata tieghu w minkejja li kien jaf illi kien hemm hafna nuqqasijiet u l-affarijiet ma kienx qeghdin sejrin sew, hu ma kienx f’posizzjoni illi jirranga xi nuqqasijiet u kellu jahdem f’dawk ic-cirkostanzi li ma kienux ta’ garanzija ghas-sigurta’ tal-aspett finanzjarju tad-dwana.

Veru illi l-Ewwel Qorti dahlet fil-fond u semghet hafna provi dwar in-nuqqasijiet u xi proceduri kienu adoperati mid-dwana dak iz-zmien u x’gara wara, fejn, is-sigurta’ giet imsahha w flok zewg persuni sabiex jissorveljaw il-kancelli llum hemm hafna aktar, b’kontrolli aktar stretti sabiex id-dwana tassigura illi l-hlasijiet dovuta lilha jsiru.

Dan kien ezercizzju illi kellu jsir internament mid-dipartiment tad-dwana w mhux tinvolvi lill-Qorti b’hafna xhieda b’hela ta’ hin fejn, il-kwistjoni kollha kellha ddur biss fuq ix-xenza tal-appellat dwar ir-reat allegatament kommess.

Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellat gie uzat u sfrutat minn kummercjanti li kienu jafu s-sistema sew u setghu jabbuzaw minnha kif iridu.

Veru illi kien hemm pallet wahda b’”stainless steel products” illi kellha tigi verifikata mid-dwana, kif fil-fatt sar, u dina giet ikkonsenjata lis-sidien taghha xi hmistax wara l-incident u l-appellat kien dejjem min ghalih li si tratta ta’ dan il-pallet u zgur illi qatt ma kellu f’mohhu illi kien hemm xi pallets ohra mimlija b’xorb alkoholiku.

L-appellat jammetti illi l-agir tieghu li halla dan it-truck hiereg, avolja kien jaf li suppost kellu jkun fih pallet wahda kienet gennata, imma jghid ukoll illi s-sistema hemmhekk kienet tant imbaghbsa illi immagina li din il-bicca xoghol ma kienet xejn.

Din il-Qorti hija konvinta illi l-verzjoni mghotija mill-appellat, kemm fl-istqarrija kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti, probabilment hija vera, mehud ic-cirkostanzi kollha w probabli illi l-appellat ma kienx jaf illi fit-truck kienu hergin pallets ohra oltre dik illi suppost kellu jkun hemm u n-nuqqas tieghu illi jivverifika trid tigi meqjusa fil-kwadru ta’ dizorganizazzjoni totali illi kien jirrenja fil-Hal-Far Groupage Bond dak iz-zmien.

L-awtoritajiet tad-dwana kienu ben konxji ta’ din is-sitwazzjoni izda kien biss wara dan l-incident illi qamu mir-raqda w iddeciedew illi jaghmlu xi haga. Izda kulhadd huwa responsabbli ta’ ghemilu u mhux sew illi l-appellat jigi abbinat b’dawn ir-reati serji meta n-nuqqas tieghu kien wiehed biss amministrattiv maghmul meta kien ilu biss fuq il-post tlett ijiem u skuzat fl-ambitu ta’ nuqqas ta’ amministrazzjoni serja minn naha tad-dwana tal-Hal-Far Groupage Bond.

Dan in-nuqqas tal-appellat zgur ma jwassalx ghall-estremi tal-akkuzi addebitati lilu u fl-isfond tal-provi illi kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------